# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 15 ta' Dicembru 2015**

**Numru 4**

**Citazzjoni Numru 238/05 JA**

**Rita Busuttil f'isimha proprju u ghan-nom**
**ta' uliedha minuri Luke u Xylon**

**v.**

**Raymond Busuttil**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Dan hu appell incidentali[1] maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-7 ta' Lulju 2014 li permezz taghha dik il-Qorti, *inter alia*, ippronunzjat is-separazzjoni bejn il-kontendenti "b'tort principali tal-konvenut" u ordnat ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi "[ordnat] il-bejgh tal-fond 14 Triq il-Kbira Attard – u dan wara li ssir id-debita stima mill-AIC Darren

[1] L-Appell principali maghmul mill-konvenut kien gie dikjarat dezert fis-6 ta' Lulju 2015.

Sciberras nominat ghal dan l-iskop – u kull parti tiehu nofs ir-rikavat; tordna li kull kont bankarju jew investiment iehor ikun maqsum fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet; "li l-ispejjez tal-kawza attrici ghandhom jithallsu zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attrici, filwaqt li dawk tal-kontro-talba u tal-perit tekniku AIC Sciberras jithallsu kollha mill-konvenut. L-ispejjez in konnessjoni mal-bejgh gudizzjarju tal-fond fuq imsemmi jkunu a kariku tal-partijiet f'ishma ndaqs".

## L-Appell Incidentali

2. Dan hu bazat fuq zewg aggravji: [1] li ma saritx mill-ewwel Qorti il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-effetti mobbli, kemm dawk komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll dawk parafernali tal-attrici; u [2] li l-attrici ma kellhiex tigi kkundannata thallas spejjez.

3. In bazi ghal dawn l-aggravji l-attrici qed titlob li s-sentenza appellata tigi riformata billi l-Qorti tiffissa ammont xieraq ta' flus li jkun jirrapprezenta [a] sehem l-attrici mill-komunjoni tal-akkwisti, [b] kif ukoll l-oggetti parafernali taghha u tordna li tali somma hekk stabbilita ghandha titnaqqas minn sehem il-konvenut mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali u tikkundanna lill-konvenut appellant ghall-hlas tal-ispejjez gudizzjarji kollha.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet li huma relevanti ghall-appell odjern:

"Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni mingħand żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni iżda għal raġunijiet imputabbli lill-attriċi u ppropona da parti tiegħu kontro-talba fl-istess sens. Il-kawża naturalment kienet kontestata ħafna u peress li l-Qorti anke semgħet il-partijiet jixhdu qabel ma ppronunzjat uħud mid-digrieti ġja' msemmija, u semgħethom ukoll in kontro-eżami, setgħet tara li l-partijiet irrispondew lil xulxin dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Fir-rigward tat-tfal, illum anke ż-żghir huwa kważi maġġorenni u kwindi, ma hemmx lok għal wisq provvedimenti fir-rigward tagħhom.

"**TORT**

"Illi kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ; biex il-Qorti tagħti idea ta' x'wassal għat-tifrik taż-żwieġ se tirriproduċi l-affidavits tal-partijiet preżentati fi stadju bikri tal-kawża.

……………….. omissis ………………

"Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-atteġġjament tal-konvenut; il-Qorti hija konvinta li l-allegazzjoni tal-attriċi – sorretta mid- diversi xhieda fir-rigward – li l-konvenut kien vjolenti fil-konfront tagħha speċjalment meta jkun xurban, huma veritjiera u kien hu li kkawża t-tifrik taż-żwieġ

"Illi minħabba f'hekk il-partiijiet spiċċaw jgħixu f'*sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius"** deċiża mill- Prim'Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

"Illi matul il-kors tal-kawża pero' l-konvenuta bdiet relazzjoni ma' ċertu Charles Cutajar u hija ndikatu ex-admissis bħala l-*partner* tagħha; għalhekk hija ndubbjament iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment. Dejjem infatti ġie ritenut illi:

> *"Għalkemm indubbjament kien hemm raġunijiet oħra għat-tifrik taż-żwieġ, l-adulterju dejjem kien meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi illi għaliha l-Qorti tawtorizża s-separazzjoni personali."* (**Vol XXXVII-parti ii, pagna 693**).

"Illi għalhekk, għalkemm kien il-konvenut il-kawża għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti se tieħu dan in konsiderazzjoni mhux biss għat-telf tad-dritt tal-manteniment iżda wkoll fil-kap tal-ispejjeż.

………………. omissis ……………….

"Illi kif ingħad il-Qorti jidhrilha li l-attriċi tilfet dan id-dritt bil-konvivenza tagħha ma' Charles Cutajar li wkoll xehed li l-attriċi qed tgħix miegħu. Ma hemmx provi dwar jekk il-minuri Xylon għadux jistudja u għalhekk jekk 'il quddiem dan jirrizulta jibqagħlu d-dritt għall-manteniment. Il-Qorti ser tordna manteniment minimu sakemm jagħlaq tmintax-il sena.

"**PROPRJETA'**

"**(Beni immobbli)**:

"Illi bħala proprjeta' immobbli hemm id-dar matrimonjali, 14 Main Street, Attard li dwarha saret pjanta li tħejjiet mill-AIC Godwin Abela fuq talba tal-konvenut li jinsisti li d-dar hija komodament diviżibbli.

"Illi għalkemm teknikament dan jidher li huwa l-każ il-Qorti jidhrilha li tali qasma toħloq problema għaliex anke hemm diskordja dwar min jieħu liema parti. Għalhekk se tordna l-bejgħ u r-rikavat jinqasam.

"Illi nġabru provi dwar kontijiet bankarji li minnhom saru xi preljevi imma dawn kienu ta' entita' żgħira u allura huwa komprensibbli li jsir ġbid biex wieħed ikun jista' jonfoq affarijiet bażiċi. Mhux il-każ kwindi li wieħed jagħti provvedimenti fir-rigward. Jekk hemm xi kontijiet pendent dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

"Illi l-beni l-oħra mobbli li kien hemm fid-dar huma problema għaliex anke hawn ma tressqux provi konsistenti u ma saret ebda stima. Kwindi l-Qorti se tordna l-bejgħ tagħhom u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet indaqs.

"Illi l-Qorti fuq l-iskorta ta' dak li ntqal jidhrilha li hemm l-estremi biex tapplika l-effetti tal-artikolu 48."

## L-Aggravji

*L-ewwel aggravju*

5. Dan fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:

"…Hija telqet mid-dar matrimonjali f'cirkostanzi tal-biki, bil-ghan lil tipprotegi lilha nfisha u liz-zewg uliedha. B'rizultat ta' dan, l-esponenti

ma hadet xejn maghha. Mhux hekk biss. L-oggetti kollha li kien hemm fid-dar u li jienu jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti baqghu fil-pussess tal-konvenut. Kollox ghandu, waqt li ma hadet assolutament xejn. Ghamara, appliances, household contents, oggetti parafernali taghha - spicca kollox ghand il-konvenut. Wiehed jistaqsi: L-Ewwel Qorti x'mizura hadet fir-rigward ta' dawn l-oggetti komprizi u formanti parti mill-Komunjoni ta' l-Akkwisti? Fis-sentenza ma nghata l-ebda provvediment dwar x'ghandu jsir f'dan ir-rigward[2]. Wiehed allura jasal biex jghid li, skont ma jidher mis-sentenza, il-parti li tibqa' tokkupa d-dar tirbah kollox. Il-parti li jkollha titlaq mid-dar ghax kostretta mill-abbuz emozzjonali titlef kollox. Dan mhux sew u ghandu jkun hemm rimedju ghalih.

"Konsegwentement, fis-sentenza hemm *lacuna*[3] dwar l-oggetti komprizi fil-Komunjoni ta' l-Akkwisti, kif ukoll *lacuna* ohra dwar l-oggetti parafernali. Permezz ta' dan l-appell incidentali, l-esponenti qieghda tittama li nofs l-oggetti komprizi fil-komunjoni ta' l-akkwisti tehodhom hi, filwaqt li tiehu lura l-oggetti parafernali li gew minghand il-familja taghha jew kienu gia taghha. Il-problema hi li min jaf x'sar minnhom?[4] Ghalhekk, fl-umili fehma ta' l- esponenti, ghandu jinghata provvediment f'somma ta' flus li tinqata' minn sehem il-konvenut wara li tinbiegh id-dar matrimonjali fis-suq miftugh.

"Jekk ma jinghata l-ebda prowediment f'dan is-sens, l-esponenti tkun intortament[5] tilfet sehemha kollu mill-oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll l-oggetti parafernali taghha stess, u dan semplicement ghaliex harget mid-dar matrimonjali biex tipprotegi lilha nfisha u lil uliedha. Il-konvenut, li baqa' jokkupa d-dar matrimonjali minkejja li fil-prim istanza saru hafna talbiet biex jinhareg hu mid-dar matrimonjali sabiex it-tlieta li huma setghu jmorru lura f'darhom, ikun iggwadanja dan kollu bis-sahha ta' ghemilu kontra l-veri interessi tal-familja. Din ma tkunx haga sewwa."

6. Din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa [1] ibbazat fuq fatti skorretti, u [2] huwa fieragh.

7. Huwa bazat fuq fatti skorretti ghaliex mhux minnu li fis-sentenza appellata hemm *lacuna* fir-rigward tal-effetti mobbli. Dan johrog car mis-sentenza fejn l-ewwel Qorti, wara li osservat li dwar il-mobbli kien hemm problema minhabba li "ma tressqux provi konsistenti u ma saret

---

[2] Sottolinear tal-Qorti.
[3] Ibid.
[4] Ibid.
[5] Ibid.

ebda stima" ordnat "il-bejgh taghhom u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet indaqs". Ghalhekk mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti ma trattatx dan l-aspett tal-kawza.

8. Dak li hu minnu u li jirrizulta lampanti huwa n-nuqqas tal-attrici u tal-konvenut rikonvenzjonanti li jressqu provi dwar l-effetti mobbli li kien hemm fid-dar matrimonjali meta l-attrici telqet mid-dar b'ta' fuqha senduqha u wisq anqas stima tal-istess. Kull ma jirrizulta mill-provi fir-rigward huwa li meta l-attrici regghet marret fid-dar matrimonjali hija hadet hames inkwatri u zewg frames.[6] Il-konvenut isostni li l-attrici hadet maghha is-somma ta' LM2,000 liema fatt gie michud minnha. Il-konvenut jghid ukoll li l-attrici kienet hadet id-deheb, izda l-attrici tammetti[7] biss li kienet hadet id-deheb tat-tifel il-kbir sabiex taghtihulu "meta jikber".[8]

9. Apparti dawn il-verzjonijiet inkonsistenti, ma kienx hemm provi dwar il-mobbli li kien hemm fid-dar matrimonjali, la dwar f'hiex kienu jikkonsistu u wisq anqas dwar il-valur rispettiv taghhom. Din il-Qorti kienet tistenna li bhala minimu ta' prova z-zewg partijiet li talbu kemm il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll l-assenjazzjoni tal-istess assi jipprezentaw elenku anke approssimattiv u stimi wkoll appromissimattivi tal-istess. Izda minn dan ma sar xejn.

---

[6] Dep. Fol. 42G.
[7] Dep. Fol. 394.
[8] Dep. Fol. 393.

10. Jigi osservat ukoll li, ghalkemm fl-affidavit taghha l-attrici tghid "dettalji tal-oggetti formanti parti mill-istess; elenku [*sic*] tal-istess bil-valur rispettiv ta' kull oggett; pjan ta' qasma"[9], ma jirrizultax li gie prezentat xi elenku. Lanqas fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici u lanqas f'dik tal-konvenut ma hemm elenku ta' dawn il-mobbli. Fuq dan l-aspett l-attrici tillimita ruhha billi tghid li "il-konvenut cahhadha minn hwejjigha. Hawnhekk ukoll l-attrici marret minn taht hafna. Il-konvenut zamm kollox u l-attrici ma hadet xejn".[10]

11. Barra minhekk meta l-attrici telqet mid-dar hija kellha rimedju fil-ligi sabiex tikkawtela l-interessi taghha fuq il-mobbli li kien hemm f'dak iz-zmien fid-dar matrimonjali. Setghet talbet u ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni fejn allura l-oggetti kienu jkunu elenkati u deskritti mill-marixxall li jkun ezegwixxa l-mandat. Izda anke f'dan ir-rigward hija baqghet passiva u dan minkejja li l-proceduri odjerni ilhom ghaddejjin mis-sena 2005.

12. Inoltre, din il-Qorti tosserva wkoll li, filwaqt li fost it-talbiet tieghu l-konvenut rikonvenzjonanti talab li jigu moghtija lilu l-assi parafernali tieghu, l-attrici ma ghamlitx talba simili u ma hemm ebda accenn fir-rikors guramentat taghha ghall-proprjeta` parafernali taghha.

13. Rigward it-talba taghha sabiex din il-Qorti tiffissa ammont xieraq ta' flus rapprezentanti sehemha mill-mobbli komprizi fil-komunjoni tal-

[9] Fol. 27.
[10] Fol. 590.

akkwisti u wkoll il-valur tal-beni parafernali taghha, din il-Qorti tosserva li din it-talba ma tistax tintlaqa' ghax hija priva minn substratt fattwali li jehtieg li jkollha biex tkun fil-pozizzjoni li tasal ghall-ammont *arbitrio boni viri*. Fi kliem iehor, mill-provi ma jirrizultawx fatti li fuqhom il-Qorti tista' tasal ghal xi ammont kif mitluba mill-attrici fl-aggravju taghha. Ghandu jkun car li l-Qorti ma tistax tasal ghall-ebda ammont *arbitrio boni viri* rapprezentanti l-valur tal-mobbli meta l-prova tal-ezistenza u deskrizzjoni tal-mobbli hija lampantament mankanti. Fin-nuqqas ta' prova ta' fatti sufficjenti li fuqhom il-Qorti tista' logikament tistabbilixxi ammont rapprezentanti valur tal-mobbli il-komputazzjoni ta' ammont iffissat ma jkunx gie stabbilit *arbitrio boni viri*, imma jkun ammont stabbilit b'mod arbitrarju. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li din it-talba ma tistax tregi.

14. In tema legali jghoddu ghall-kaz in dizamina s-segwenti osservazzjonijiet guridici:

> "Huwa principju fondamentali tad-dritt procedurali li min jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' dak il-fatt, u l-fatt li dik il-prova ma tressqitx minhabba nuqqqas tal-parti ma jintitolax lil dik il-parti tippretendi li l-Qorti tirrikorri ghall-komputazzjoni *arbitrio boni viri*, biex taghmel tajjeb ghal dan in-nuqqas taghha." *[App.S 2711/96 Stephanie Spiteri et vs Kevin Spiteri, 6 Frar 2015]*
>
> "Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f'dawn il-kazi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fatti li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Minnaha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovdi <u>motivazzjoni logika tal-kriterji ta' l-</u>

apprezzament prudenti[11] adottati li juru kif wasal ghall-likwidazzjoni tal-*quantum debeatur.*" *[App.S 417/2004 Nicole Mairangas vs HSBC Bank plc, deciz 3 Ottubru 2008 citat b'approvazzjoni fil-kawza App.1171/2007 Salvatore Coppola vs Gerolma Busuttil, 27 Marzu 2015]*

15. Fl-ahharnett u ghall-kompletezza jinghad li dak li jidher li hu pacifiku bejn il-partijiet huwa li waqt iz-zwieg l-attrici xtrat, parzjalment bi flus li kienet dahlet mill-bejgh tal-karrozza li kellha qabel iz-zwieg, karrozza Peugeot li qed tintuza minnha, filwaqt li l-konvenut xtara mutur li huwa fil-pussess tieghu.

16. Il-konsiderazzjonijiet premessi jdghajjfu serjament l-aggravju tal-attrici u jirrenduh manifestament infondat. Ghalhekk qed jigi michud.

*It-tieni aggravju*

17. Dan hu fis-sens li, ghalkemm "zmien ferm wara" li kienet ghaddejja l-kawza ta' separazzjoni "nibtet hbiberija" bejn l-esponenti u Charles Cutajar armel, tali hbiberija ma kienitx tezisti meta giet istitwita l-kawza ta' separazzoni. L-attrici tghid li ma kellha ebda relazzjoni extra matrimonjali la matul iz-zwieg u lanqas fiz-zmien li telqet mid-dar matrimonjali u l-kawza tas-separazzjoni kienet biss il-komportament abuziv da parti ta' zewgha, konsistenti fi vjolenza psikologika u agir aggressiv li meta jkun fis-sakra jkisser l-affarijiet fid-dar.

[11] Sottolinear ta' din il-Qorti.

18. Fir-rigward din il-Qorti tosserva li skont ix-xhieda ta' Charles Cutajar dan beda relazzjoni mal-attrici fis-sena 2010 u beda jikkoabita maghha f'Lulju tal-istess sena. Dan hu konfermat mill-attrici li tghid li xi ftit xhur ilu [minn Frar 2011][12] hija flimkien mat-tifel iz-zghir tal-partijiet bdiet tghix mal-imsemmi Charles Cutajar.

19. L-ewwel Qorti fir-rigward tghid hekk:

> "Illi ghalhekk, ghalkemm kien il-konvenut il-kawza ghat-tifrik taz-zwieg, il-Qorti ser tiehu dan in konsiderazzjoni mhux biss ghat-telf tad-dritt tal-manteniment izda wkoll fil-kap tal-ispejjez."

20. Minn dan il-bran jirrizulta li l-ewwel Qorti sabet li anke l-attrici tahti, ghalkemm sekondarjament, ghas-separazzjoni personali, tant li applikat fil-konfront taghha l-Artikolu 48[d] tal-Kap.16 li jikkontempla s-sanzjoni tad-dekadenza mid-dritt ghall-mantenimnet fil-kaz li konjugi jkun hati ghas-separazzjoni. Dan huwa rifless ukoll fil-parti operattiva tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti attribwit il-htija "principali" ghas-separazzjoni lill-konvenut.

21. Din il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-inkwiet matrimonjali kien originarjament rizultat tal-komportament abuziv tal-konvenut fil-konfront tal-attrici, iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment meta, wara s-separazzjoni de facto, l-attrici dahlet f'relazzjoni adulteruza ma' terza persuna. Ghalhekk ma jistax validament jinghad li, ghax ir-relazzjoni adulteruza tal-attrici bdiet cirka hames snin wara s-separazzjoni *de*

[12] Dep. 28 Frar 2011 – Fol. 462.

*facto*, allura hija m'ghandha ebda htija ghas-separazzjoni. B'din ir-relazzjoni extra-matrimonjali l-attrici issigillat it-tkisser taz-zwieg bejn il-partijiet b'mod li qerdet kwalunkwe speranza li dawn jergghu jghixu flimkien.

22. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti uzat id-diskrezzjoni taghha hazin meta attribwit lill-attrici parti mill-htija ghas-separazzjoni, liema htija hija riflessa fil-parti operattiva tas-sentenza meta akkollat lill-attrici parti mill-ispejjez tal-kawza.

**<u>Decide</u>**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tichad l-appell incidentali u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li dawk tal-appell incidentali jkunu kollha a kariku tal-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df